*festa*

# SAN ĠORĠ 2018





“

Il-qaddisin li diġà waslu fil-preżenza ta’ Alla jżommu magħna rabtiet ta’ mħabba u ta’ komunjoni. Dan jixhed għalih il-ktieb tal-Apokalissi meta jitkellem fuq il-martri li jidħlu għalina: “Rajt taħt l-altar l-erwieħ ta’ dawk li kienu qatluhom minħabba l-Kelma ta’ Alla, u minħabba x-xhieda li kienu taw; u għollew leħenhom u qalu: ‘Sid Qaddis u Veru, kemm se ddum ma tagħmel ħaqq u titħallas ta’ demmna minn dawk li jgħammru fl-art?’” (6:9-1). Nistgħu ngħidu li aħna “mseħbin, immexxija u ggwidati mill-ħbieb ta’ Alla. […] M’għandix għalfejn inġorr waħdi dak li, fil-verità, qatt ma stajt inġorr waħdi. Il-qaddisin kollha ta’ Alla qegħdin hemm iħarsuni, jgħinuni u jerfgħuni”.

”

Il-Q.T. il-Papa Franġisku,
Eżortazzjoni Appostolika
*Ifirħu u thennew* (2018),
nru 4

*Fil-qoxra:* Dettall tas-Soprakwadru tal-Kwadru Titulari ta’ San Ġorġ fil-Kor tal-Bażilika, li ġie rrestawrat u mpoġġi lura f’postu fl-2018.

Għawdex
jiċċelebra l-Festi Prinċipali f’ġieħ
il-Protettur setgħan tiegħu

# SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI

il-Patrun
tad-Djoċesi u tal-Belt Victoria
u
t-Titular
tal-Knisja ProtoParrokkjali u ArċiMatriċi
Bażilika u Kolleġġjata Lateranensi *in urbe*
Omm il-Parroċċi tal-Gżira

**30 ta’ Ġunju ~ 15 ta’ Lulju 2018**



## Id-Disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ

Fl-10 ta' Mejju 2018 bdew id-Disa' Ħamisijiet bi tħejjija spiritwali għall-Festa ta' San Ġorġ li kienu mmexxija minn Dun Geoffrey George Attard, bit-tema tal-Beatitudnijiet fid-dawl tas-sejħa universali għall-qdusija.

## Il-Victoria International Arts Festival Il-21 Edizzjoni

Dan il-festival internazzjonali, fil-kuntest tal-Festa ta' San Ġorġ, twieled fl-1998 bħala offerta ta' kultura għolja li tagħni b'dimensjoni ġdida u tikkostitwixxi żvilupp oriġinali fil-festa tradizzjonali Maltija. Kulħadd huwa mistieden għas-serati kollha li huma mingħajr ħlas, proprju biex jitħares il-karattru popolari ta' dan il-festival. Programm dettaljat tal-wieħed u għoxrin edizzjoni, iddedikata lill-memorja u l-opri mużikali tal-Professur Joseph Vella (1942-2018), *Maestro di Cappella* tal-Bażilika u Direttur Artistiku tal-Festival sa mill-bidu tiegħu, jinsab fuq www.viaf.org.mt.

**L-ERBGĦA 6 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert Korali u Orkestrali fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-Wieħed u Għoxrin Edizzjoni tal-Festival, bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, il-Kor Laudate Pueri u s-sopran Miriam Cauchi, taħt id-direzzjoni ta' Philip Walsh (Malta/l-Ingilterra), fil-Bażilika.

**Il-ĦAMIS 7 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Gabriele Maria Vianello (l-Italja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**Il-ĠIMGĦA 8 TA' ĠUNJU**
**7.30pm:** Kunċert mill-vjolinċellista Luc Tooten u l-pjanista Stéphane De May (il-Belġju), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IS-SIBT 9 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-klarinettista Luca Ferrini u l-pjanista Jose Kotar (l-Italja/is-Slovenja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦADD 10 TA' ĠUNJU**
**11.45am:** Inawgurazzjoni ta' wirja tal-fotografija minn Daniel Cilia (Malta), fil-Mużew Il-Ħaġar – Heart of Gozo.

**8.00pm:** Serata ta' Mużika Barokka Taljana (l-Italja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IT-TNEJN 11 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Serata ta' Mużika Barokka Venezjana (l-Italja/is-Slovenja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IT-TLIETA 12 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Serata ta' Mużika Barokka Franċiża (l-Ingilterra), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**L-ERBGĦA 13 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Arianna Art Ensemble* (Sqallija), fil-Bażilika.

**IL-ĦAMIS 14 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mis-*CivicAntiqua Ensemble* (l-Italja), fil-Bażilika.

**IL-ĠIMGĦA 15 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert minn *Le Jardin Musical* (Franza), fil-Bażilika.

**IS-SIBT 16 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mir-*Royal Conservatoire Brass* (l-Iskozja), fuq il-bejt tal-Mużew Il-Ħaġar – Heart of Gozo.

**IT-TNEJN 18 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert vokali mis-sopran Francesca Aquilina u l-pjanista Julia Miller (Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IT-TLIETA 19 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Minguet Quartet* (il-Ġermanja), fil-Bażilika.

**L-ERBGĦA 20 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** *The Composer Speaks Series* minn Mauro Farrugia u *Debutants' Concert* (Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦAMIS 21 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Giovanni Bertolazzi (l-Italja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĠIMGĦA 22 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mis-*Sicily Ensemble* (Sqallija), fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex.

**IS-SIBT 23 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Piano Quartet* (l-Awstrija), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦADD 24 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Martinů Quartet* (ir-Repubblika Ċeka), fil-Bażilika.

**IT-TNEJN 25 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Andrea Gajic u l-pjanista Sinae Lee (l-Iskozja/is-Serbja/il-Korea ta' Isfel), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IT-TLIETA 26 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Djordje Gajic (is-Serbja/l-Iskozja), fil-Kurja tal-Isqof.

**L-ERBGĦA 27 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Piano Quintet* (l-Ingilterra/l-Iskozja/Malta), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦAMIS 28 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinċellista Daniel Veis u l-pjanista Helena Veisová (ir-Repubblika Ċeka), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĠIMGĦA 29 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanisti Natascha Chircop u Marco Rivoltini (Malta/l-Italja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IS-SIBT 30 TA' ĠUNJU**
**8.00pm:** Kunċert vokali mis-sopran Rosabelle Bianchi u l-pjanista Julia Miller (Malta), fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex.

**IL-ĦADD 1 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Cordes Marines* (Franza), fil-Knisja ta' Santu Wistin.

**IT-TNEJN 2 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mis-sassofonista Sam Corkin u l-pjanista David Knotts (l-Ingilterra), fis-Sala tal-Wirjiet tal-Ministeru għal Għawdex.

**IT-TLIETA 3 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-pjanista Olaf Andreas Stran (in-Norveġja), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**L-ERBGĦA 4 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-vjolinista Maria Conrad u l-arpista Caroline Calleja (Malta), fil-Knisja ta' San Franġisk.

**IL-ĦAMIS 5 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mit-*Trio Vinea* (l-Awstrija), fil-Knisja ta' San Franġisk.

**IL-ĠIMGĦA 6 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-*Khorasan Quartet* (il-Ġermanja/l-Ingilterra), fil-Knisja ta' San Franġisk.

**IS-SIBT 7 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mit-*Transcontinental* (l-Iskozja/Malta/Iżrael/l-Istati Uniti tal-Amerika), fl-Awla Mons. Giuseppe Farrugia.

**IL-ĦADD 8 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert mill-kitarrista Simon Schembri (Malta), fil-Knisja ta' San Franġisk.

**IT-TNEJN 9 TA' LULJU**
**8.00pm:** Kunċert Orkestrali bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali u l-vjolinista Carmine Lauri, taħt id-direzzjoni ta' Philip Walsh (Malta/l-Ingilterra).

**IT-TLIETA 26 TA' ĠUNJU**
**6.00pm:** Quddiesa għall-persuni b'diżabbiltà minn Għawdex kollu mill-Kan. Michael J. Galea. Wara, ikla tal-Festa għalihom organizzata mil-*Ladies Society* tal-Parroċċa fid-Dar Parrokkjali.

## In-Novena ta' San Ġorġ

In-Novena hi sensiela ta' disat ijiem ta' tħejjija spiritwali li jwasslu għall-Ġimgħa tal-Festa. It-tema ta' din is-sena hi: *San Ġorġ: Iż-Żagħżugħ ta' dejjem*. Il-Quddies tan-Novena, fis-7.00pm, jitmexxa mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi. Tul il-jiem tan-Novena ssir ukoll Kampanja ta' Ġenerożità, waqt li fi tmiem il-quddiesa titqassam tifkira lit-tfal li jattendu.

**IS-SIBT 30 TA' ĠUNJU**
**L-ewwel jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Fidi żagħżugħa mnebbħa minn San Ġorġ, Żagħżugħ ta' dejjem*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

**Il-ĦADD 1 TA' LULJU**
**It-tieni jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Il-Libertà: San Ġorġ iqassam ġidu lill-foqra*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-koppji li żżewġu fl-aħħar sena.

**IT-TNEJN 2 TA' LULJU**
**It-tielet jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *L-Istorbju: San Ġorġ iċarrat l-editt*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-edukaturi. Wara, dawra ma' Għawdex bit-tren għat-tfal.

**IT-TLIETA 3 TA' LULJU**
**Ir-raba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Is-Sbuħija: Ġmiel il-ħarsa ta' San Ġorġ*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-familji li għammdu t-trabi tagħhom fl-aħħar sena.

**L-ERBGĦA 4 TA' LULJU**
**Il-ħames jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *It-Tbatija: San Ġorġ fi triqtu lejn il-Martirju*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali familjari ta' persuni li mietu fl-aħħar sena.

**IL-ĦAMIS 5 TA' LULJU**
**Is-sitt jum tan-Novena**
**Id-disa' u l-aħħar Ħamis ta' San Ġorġ**
**10.00am:** Quddiesa għall-anzjani u l-morda minn Dun Simon Mario Cachia, bis-sehem tal-membri u l-voluntiera tal-Ordni Sovran, Militari u Ospidalier ta' San Ġwann ta' Malta, li fiha jiġi amministrat is-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara, *Tombola Get-Together* organizzat mil-*Ladies Society* tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *Il-Kuraġġ: Il-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali dawk li matul din is-sena qed jagħlqu 25, 50 jew 60 sena miżżewġin.

**IL-ĠIMGĦA 6 TA' LULJU**
**Is-seba' jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *L-Ideal: Il-Glorja ta' San Ġorġ*, li fiha mistiedna jikkonċelebraw is-saċerdoti kollha.

**IS-SIBT 7 TA' LULJU**
**It-tmien jum tan-Novena**
**7.00pm:** Quddiesa tan-Novena bit-tema *San Ġorġ: Żagħżugħ ta' dejjem*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-benefatturi u l-voluntiera.

**IL-ĦADD 8 TA' LULJU**
**Id-disa' u l-aħħar jum tan-Novena**
**11.00am:** Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr immexxija minn Dun Joseph Hili, fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Jieħu sehem il-Kor Laudate Pueri taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, *maestro di cappella*. Tiġi esegwita l-*Missa Papæ Marcelli* ta' Pier Luigi da Palestrina u motetti sagri ta' Domenico Bartolucci u Joseph Vella.
**7.00pm:** Quddiesa biċ-Ċelebrazzjoni tal-Għeluq tan-Novena, bit-tema *Il-Qdusija: Bħal San Ġorġ aħna lkoll imsejħa nsiru qaddisin*, li għaliha mistiedna b'mod speċjali l-Ġorġjani residenti barra mill-Belt Victoria.
**8.15pm:** Festin kbir u divertiment għat-tfal fi Pjazza San Ġorġ.
**8.30pm:** L-Ikla tal-Festa quddiem il-Każin La Stella fi Triq ir-Repubblika, organizzata mis-Soċjetà Filarmonika La Stella.

**IT-TNEJN 9 TA' LULJU**
*Il-Quddies tal-5.00, tas-6.00 u tas-7.00pm jiġi ċċelebrat fiċ-Ċentru Parrokkjali.*
**7.00pm:** Tiġrijiet tradizzjonali bis-sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex fi Triq ir-Repubblika. Fi tmiem it-tiġrijiet, tqassim tat-trofej lir-rebbieħa mill-Onor. Dr Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex, u minn Dr Samuel Azzopardi, Sindku tal-Belt Victoria.
**8.00pm:** Kunċert Orkestrali bis-sehem tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali u l-vjolinista Carmine Lauri, taħt id-direzzjoni ta' Philip Walsh (Malta/l-Ingilterra).

**IT-TLIETA 10 TA' LULJU**
**JUM IL-ĦRUĠ MIN-NIĊĊA**

*L-aħħar Quddiesa tiġi ċċelebrata fis-6.00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali.*

**6.00pm:** Quddiesa mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**7.00pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Taċ-Ċawla sa Pjazza San Ġorġ.

**8.00pm: Ħruġ tradizzjonali min-niċċa tal-istatwa ta' San Ġorġ (1839), kapulavur fl-injam ta' Pietru Pawl Azzopardi u l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex. Ġabra speċjali għall-Festa.**

**9.00pm:** *Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* miż-żgħażagħ Ġorġjani fil-Bażilika, organizzata mill-Grupp *23four>>*, b'mumenti ta' talb, riflessjoni u kant immexxija minn Dun Joseph Hili.

**9.30pm: Dimostrazzjoni brijuża bl-istatwa ta' San Ġorġ (1991), xogħol ta' Austin Camilleri, bis-sehem tal-Banda Ite ad Josef (il-Qala), minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Franġisk.**

**12.00am:** Logħob tan-nar tal-art fi Triq Enrico Mizzi, imtella' mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella.

**L-ERBGĦA 11 TA' LULJU**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Kan. Dr Joseph Zammit. Prietka minn Patri George Ocar Buttigieg OFMCONV. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Tonio Galea.**

*Matul il-jiem tat-Tridu l-kant* a cappella *jsir mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri u l-iSchola Cantorum Gregoriana taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Jiġu esegwiti l-innu* Georgi Miles Inclite *(1878), għal solisti, kor* a 3 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), u l-antifona* Beatus Georgius *(pre-1890), mużika ta' Mro Paolo Fiammingo (seklu 19) u versi ta' San Pier Damiani (1007-1072). Jieħdu sehem is-solisti Antonino Interisano (tenur) u Louis Andrew Cassar (baritonu). Il-kor u l-orkestra jkunu taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo*, maestro di cappella.

**9.30pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Triq Għajn Qatet sa Pjazza San Franġisk.

**9.30pm:** Marċ mill-Banda Santa Margerita (Ta' Sannat) minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace sa Pjazza San Franġisk.

**10.00pm: Dimostrazzjoni popolari bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel (1987), xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella u l-Banda Santa Margerita, minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ.**

**IL-ĦAMIS 12 TA' LULJU**
**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta minn Mons. Ġużeppi Gauci, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-erwieħ tar-ragħajja spiritwali u s-saċerdoti li taw servizz fi ħdan il-komunità parrokkjali Ġorġjana.
**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Kan. Joseph A. Borg. Prietka minn Patri George O. Buttigieg OFMCONV. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. George DeBrincat.**
**9.15pm:** Marċ mill-Banda San Ġorġ (Ħal Qormi) fi Pjazza San Franġisk.
**9.15pm:** Marċ mill-Banda Unjoni (Ħal Luqa) (mistiedna b'inizjattiva tal-Għaqda tal-Armar Festa San Ġorġ) minn Pjazza San Ġorġ sa Pjazza San Franġisk.
**9.30pm: Dimostrazzjoni trijonfali bl-istatwa ta' San Ġorġ, Patrun ta' Għawdex (2008), xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi, bis-sehem tal-Banda San Ġorġ u l-Banda Unjoni, minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Savina, fejn isiru preżentazzjoni awdjoviżiva fuq San Ġorġ u spettaklu tan-nar imtellgħin mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella.**

**IL-ĠIMGĦA 13 TA' LULJU**
**IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, b'suffraġju tal-membri tal-parroċċa li ħallew din id-dinja matul is-sena li għaddiet.
**6.00pm:** L-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.
**6.30pm: Kant solenni tal-Għasar mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut minn Mons. Felix Tabone, Vigarju Parrokkjali. Prietka minn Patri George O. Buttigieg OFMCONV. Wara, Innu, Antifona u Barka Ewkaristika mill-Kan. Emanuel Buttigieg.**

**9.00pm: Eżekuzzjoni fi Pjazza San Ġorġ tal-Ewwel Innu l-Kbir ta' Għawdex *Su Garzoni* (1894), versi u mużika ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1852-1925), mill-Banda Ċittadina La Stella taħt id-direzzjoni ta' Mro Sigmund Mifsud, u mill-Kor tat-Tfal tas-Soċjetà Piccole Stelle taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Cini.**

**9.15pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Valette (il-Belt Valletta) minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza.

**9.30pm: Dimostrazzjoni grandjuża bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ (1894), kapulavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa titulari għall-festi esterni f'Għawdex. Tmexxi d-dimostrazzjoni mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria l-Banda Ċittadina La Stella, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Valette. Wara t-tlugħ tal-istatwa, spettaklu tan-nar sinkronizzat mal-mużika fi Pjazza Indipendenza, imtella' mill-Għaqda Żgħażagħ La Stella.**

**IS-SIBT 14 TA' LULJU**
**TMIEM IT-TRIDU MQADDES**

**9.00am:** Konċelebrazzjoni Konventwali ppreseduta minn Mons. Pawlu Cardona, Vigarju Episkopali għall-Kleru, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika. Fit-tmiem, kant solenni tat-*Te Deum*.

**LEJLET IS-SOLENNITÀ**

**5.00pm:** Quddiesa tal-Vġili tas-Solennità.

**6.00pm:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza Indipendenza, minn fejn takkumpanja t-Translazzjoni sa Pjazza San Ġorġ.

**6.30pm: TRANSLAZZJONI SOLENNI TAR-RELIKWA TA' SAN ĠORĠ MILL-KNISJA TA' SAN ĠAKBU SAL-BAŻILIKA URBANA U ĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI TAL-EWWEL GĦASAR TAS-SOLENNITÀ PPRESEDUTI MILL-E.T. MONS. MARIO GRECH, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA LATERANENSI, ASSISTIT MILL-KAPITLU KATIDRALI U L-KAPITLU URBAN, U BIS-SEHEM TAL-KAVALLIERI TAL-ORDNI SAGRU, MILITARI U KOSTANTINJAN TA' SAN ĠORĠ.**

**7.45pm: Barka Ewkaristika minn Mons. Ġużeppi Farrugia.**

*Jiġi esegwit l-Għasar* Vespri per la Solennità di San Giorgio Martire *(1900) għal solisti, kor* a 4 voci pari *u orkestra, kompożizzjoni ta' Mons. Giuseppe Farrugia. Jiġu esegwiti wkoll iż-żewġ antifoni* Beatus Georgius*, ta' Mro Paolo Fiammingo (pre-1890) u ta' Mons. Giuseppe Farrugia (1897), u t-*Tantum Ergo in onore di San Giorgio Martire *(1901) ta' Mons. Giuseppe Farrugia.*

**8.00pm:** Programm mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Banda Ċittadina King's Own (il-Belt Valletta) taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr John Galea.

**9.30pm: Eżekuzzjoni fi Pjazza San Ġorġ tal-Innu Immortali *A San Giorgio Martire* (1931), versi tal-Prof. Luigi Billion (1860-1939) u mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella (1895-1974), mill-Banda Ċittadina La Stella taħt id-direzzjoni ta' Mro Sigmund Mifsud.**

**10.00pm: Marċ singulari u kolossali bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella u l-Banda Ċittadina King's Own, li matulu jdoqqu flimkien bħala *massed band* fi Triq ir-Repubblika. Wara, spettaklu tal-logħob tan-nar tal-art fi Triq ir-Repubblika.**

**IL-ĦADD 15 TA' LULJU**
**JUM IS-SOLENNITÀ TA' SAN ĠORĠ**

*Il-Quddies filgħodu jkun fil-5.00, fis-6.00, fis-7.00, fis-7.30 (fil-Bażilika), fit-8.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), fit-8.30 (fil-Bażilika), fl-10.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), fil-11.00am u f'12.00pm (fil-Bażilika); filgħaxija, fil-5.00pm (fil-Bażilika).*

**8.00am:** Kant solenni tat-Terza mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata, ippresedut mill-Isqof Djoċesan, fis-Sagristija Maġġuri.

**8.30am: KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI PPRESEDUTA MILL-E.T. MONS. MARIO GRECH, ISQOF TA' GĦAWDEX U DEKAN TAL-KOLLEĠĠJATA LATERANENSI, ASSISTIT MINN RAPPREŻENTANTI TAL-KAPITLU KATIDRALI, IL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA URBANA, U MEMBRI TAL-KLERU SEKULARI U RELIĠJUŻ. JINSEĠ OMELIJA B'TIFĦIR LIL SAN ĠORĠ, IL-PATRUN TAD-DJOĊESI, PATRI MARCELLO GHIRLANDO OFM.**

*Tiġi esegwita l-*Mass in D in honour of St George "Princeps Martyrum" *(1976) għal solisti, kor* a 4 voci dispari *u orkestra, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella (1942-2018). Jieħdu sehem is-solisti Miriam Cauchi (sopran), Antonino Interisano (tenur) u Louis Andrew Cassar (baritonu).*

**11.00am:** Marċ brijuż u popolari fiċ-ċentru tal-Belt Victoria bis-sehem tal-Banda San Ġorġ (Ħal Qormi) u l-Banda Sant'Elena (Birkirkara).

**6.00pm: Ċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Għasar tas-Solennità mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata Urbana, ippreseduta minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Katidral ta' Għawdex.**

*Jiġu esegwiti s-salmi tat-*Tieni Vespri ta' San Ġorġ*, kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella, mill-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika.*

**7.00pm: Ħruġ solenni tal-Purċissjoni bl-istatwa titulari ta' San Ġorġ, il-Patrun ta' Għawdex, li tintlaqa' mill-Banda Ċittadina La Stella bl-innu reliġjuż *Georgius natus est* (1984), versi tal-Kan. Joe Mejlak (1944-2008) u mużika tal-Prof. Joseph Vella. Il-Banda Ċittadina La Stella ssellem lil San Ġorġ, il-Patrun tad-Djoċesi, bl-eżekuzzjoni tal-Innu Immortali *A San Giorgio Martire*, versi tal-Prof. Luigi Billion u mużika ta' Mro Giuseppe Giardini Vella, bis-sehem tat-tenur Antonino Interisano (l-Italja), il-baritonu Louis Andrew Cassar (Malta) u l-Kor tas-Soċjetà La Stella.**

*Kien dan l-innu (1931), li fl-1934 beda t-tradizzjoni tal-innu l-kbir fil-ftuħ tal-purċissjonijiet titulari, liema tradizzjoni ġiet adottata mill-parroċċi l-oħra kollha ta' Għawdex.*

**7.30pm: PURĊISSJONI PONTIFIKALI BL-ISTATWA TITULARI TA' SAN ĠORĠ, IPPRESEDUTA MINN MONS. JOSEPH SULTANA, ARĊIPRIET TAL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX, BIS-SEHEM TAL-KAPITLU U L-KLERU TAL-BAŻILIKA, L-ORDNIJIET RELIĠJUŻI TAL-BELT VICTORIA, IS-SEMINARISTI TAD-DJOĊESI, U L-FRATELLANZI TAL-PARROĊĊA. TAKKUMPANJA L-BANDA ĊITTADINA U DEKANA LA STELLA B'INNIJIET RELIĠJUŻI.**

**8.00pm:** Marċ mill-Banda San Girgor (Ta' Kerċem) minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza Indipendenza, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Mark Gauci.

**8.15pm:** Marċ mill-Banda Mnarja (in-Nadur) minn Triq r-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ, fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Grech.

**10.30pm: Dħul trijonfali tal-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika Urbana fost il-briju u l-kant mill-poplu Għawdxi u Malti tal-innu popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ* (1952), versi ta' Patri Akkursju Xerri OFM (1915-1968) u mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara (1890-1979).**

**10.45pm: Antifona, u Barka Ewkaristika mill-Arċipriet Mons. Joseph Curmi, li bihom jintemmu l-festi ewlenin ta' Għawdex f'ġieħ San Ġorġ Megalomartri, sa mill-qedem il-Protettur tal-poplu Għawdxi.**

**QUDDIES U QRAR FIL-BAŻILIKA**

Jekk irridu li jkollna Festa kif tixraq, għandna nimpenjaw ruħna u nħeġġu lil xulxin għall-Qrar u għall-Quddiesa ta' kuljum fil-jiem tal-Festa. F'San Ġorġ, il-Qrara tajba u t-Tqarbina huma essenzjali. Bħas-soltu l-Qrar jista' jsir fil-ġranet kollha tal-Festa, imma l-penitenti huma mitluba biex jaħsbu kemm jista' jkun fil-jiem ta' qabel, f'ħinijiet barra mill-funzjonijiet.

Il-Quddies f'jum il-Festa jkun hekk:
Filgħodu: 5.00, 6.00, 7.00, 7.30 (fil-Bażilika), 8.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), 8.30 (fil-Bażilika), 10.00 (fiċ-Ċentru Parrokkjali), 11.00 u 12.00 (fil-Bażilika).
Filgħaxija: 5.00 (fil-Bażilika).

**QUDDIES FID-DJAR TAL-MORDA U L-ANZJANI**

Bejn it-Tnejn 2 u s-Sibt 7 ta' Lulju 2018, saċerdoti tal-parroċċa jkunu disponibbli biex jiċċelebraw il-Quddiesa u jamministraw is-sagramenti tal-Qrar u l-Griżma tal-Morda fid-djar tal-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Dawk li jixtiequ li xi saċerdot iżur id-dar tagħhom għandhom jikkuntattjaw lill-Uffiċċju Parrokkjali (2155 6377).

**IKONA PRESIDENZJALI F'JIEM IL-FESTA**

Bi tradizzjoni mibdija fi żmien l-E.T. il-Prof. Guido de Marco (1931-2010), din is-sena wkoll l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, qed jogħġobha tibgħat għal jiem ta' qima fostna l-ikona Russa ta' San Ġorġ miżmuma fil-Palazz Presidenzjali ta' San Anton, Malta. Ix-xbihat tal-martri huma għajnuna biex inħossu l-preżenza konkreta tal-qawwa ta' Alla fostna.

L-ikona tkun esposta fil-Bażilika u, filwaqt li nammiraw il-ġmiel tagħha, għandna niftakru f'ħutna l-Kristjani li jgħixu fl-artijiet tar-Russja u nitolbu għal għaqda akbar bejn il-Knisja Kattolika u l-Knejjes Ortodossi tal-Lvant.

**MUŻIKA SAGRA FIL-BAŻILIKA**

Napprezzaw l-impenn kbir li jsir biex il-kompożizzjonijiet ta' mużika sagra unika li għandna jiġu esegwiti bl-aqwa mod possibbli. Il-mużika tkun esegwita mill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri u l-Victoria Festival Orchestra. Għall-okkażjoni l-kor jiġi kkumplimentat b'koristi Maltin u barranin, fosthom mill-Kor Pontifiċju Cappella Sistina u l-Coro dell'Accademia di Santa Cecilia, kif ukoll solisti lokali u barranin.

Il-mużika fil-Bażilika, kemm fil-jiem tat-Tridu u kemm lejlet u nhar il-Festa, tkun taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, *Maestro di Cappella*. Il-mużika fil-Bażilika matul il-Festa tkun organizzata mill-Kan. George J. Frendo u Dr Maria Frendo, *leader* tal-Kor Laudate Pueri. Is-solisti huma s-sopran Miriam Cauchi (Malta), it-tenur Antonino Interisano (l-Italja) u l-baritonu Louis Andrew Cassar (Malta).

**TRASMISSJONIJIET TAL-FESTA FUQ IR-RADJU U L-WEBSAJT**

It-trasmissjonijiet bir-radju jsiru għal dawk li ma jistgħux jiġu l-knisja. Fil-każ tal-anzjani r-radju hu għajnuna, fil-każ ta' min m'hux ir-radju jsir strument ta' abbuż. It-trasmissjonijiet u r-ritratti permezz tal-websajt huma għal dawk li huma ħafna 'l bogħod minna. Infurmaw lill-emigranti tagħkom b'dan.

Mis-17 ta' Ġunju 2018, l-istazzjon tar-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria* (104.00FM MHz Stereo) ixandar bi skeda sħiħa l-funzjonijiet liturġiċi u l-attivitajiet esterni kollha marbuta mal-Festa, flimkien ma' programmi reliġjużi, kulturali u ta' attwalità, mill-istudjows fi Pjazza San Ġorġ, mill-Bażilika Ġorġjana, miċ-Ċentru Parrokkjali, u mill-pjazez u t-triqat tal-Belt Victoria.

Il-funzjonijiet kollha tal-Festa jistgħu jiġu segwiti fuq il-Paġna tal-Facebook tal-Parroċċa www.facebook.com/stgeorge.org.mt kif ukoll mill-Websajt tar-Radju *www.lbv104.com*, fejn mhux biss jintwerew u jinstemgħu t-trasmissjonijiet kollha, imma jkun offrut ukoll servizz immedjat u estensiv ta' ritratti tal-attivitajiet festivi.

L-istazzjon televiżiv *Xejk TV* ixandar il-mumenti prinċipali tal-Ġimgħa tal-Festa.

**OPRI U XOGĦLIJIET EWLENIN FIS-SENA 2018**

**BAŻILIKA SAN ĠORĠ**

Restawr tas-soprakwadru tat-titular ta' Mattia Preti.

Restawr u induratura tal-istatwa ta' San Ġużepp.

Terħa bajda bil-bizzilla Maltija antika għall-altar maġġur għall-Milied u l-Għid.

7 pjaneti gotiċi ta' lewn liturġiku differenti.

40 libsa bajda għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.

Kamera tal-*live streaming* fil-Bażilika.

2 skrins fil-Bażilika għall-użu liturġiku u pastorali.

Bandalora tal-*Passio Domini* għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Induratura tal-anġlu tal-Orazzjoni fl-Ort.

*Membrane* għall-bjut tal-Awla Kapitulari u l-Arkivju Parrokkjali.

65 pannella fotovoltajka fuq is-Sala Parrokkjali u l-Awla Kapitulari.

Tikħil, tiżbigħ u attrezzar tas-Sala Parrokkjali.

*Minibus* għall-użu pastorali.

2 *speakers* għall-użu liturġiku u pastorali.

Bidu tal-proġett tal-kamra tal-laqgħat u *gamesroom* fil-*basement* taċ-Ċentru Parrokkjali għat-tfal u l-adolexxenti.

**SOĊJETÀ FILARMONIKA LA STELLA**

**GĦAQDA TAL-ARMAR FESTA SAN ĠORĠ**

**Pjazza San Ġorġ**
Bradella ġdida għall-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel.

**Pjazza Indipendenza**
Statwa ġdida ta' San Sebastjan Martri.

Induratura tal-istatwa ta' Santa Ċeċilja Martri.

Żewġ raġġieri ġodda għall-istatwi tal-martri.

Dekorazzjoni u induratura tal-istatwa ta' San Żakkarija Papa.

**Pjazza San Franġisk**
Statwa ġdida għall-pedistall ta' San Ġorġ Żagħżugħ, li tirrappreżenta l-Komunjoni Anglikana.

**Triq ir-Repubblika**
Sfumar tal-aħħar żewġ bandalori.

Erba' labardi ġodda għas-sett ta' bandalori.

Tkomplija tad-dekorazzjoni, induratura u rħamar tal-pedistalli tal-anġli.

**Triq San Ġorġ**
Żewġ pavaljuni ġodda.

**Triq il-Librerija**
Restawr u induratura ta' żewġ anġli.

Erba' mensli ġodda minn sett ta' tmienja għall-anġli.

Tlestija tad-dekorazzjoni fuq il-mensli.

L-Għaqda tal-Armar Festa San Ġorġ, fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika La Stella, trodd ħajr lill-benefatturi u l-voluntiera kollha tagħha.

**GĦAQDA TAN-NAR SAN ĠORĠ MARTRI**

Il-logħob tan-nar tal-Festa hu kkordinat mill-Għaqda tan-Nar San Ġorġ Martri fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika La Stella. Il-Kmamar tan-Nar Madonna tal-Virtù Fireworks Factory (l-Għarb), St George's Fireworks Factory (Ħal Qormi), St Joseph's Fireworks Factory (Ħal Kirkop), 12th May Fireworks Factory (Ħaż-Żebbuġ) u St Mary's Fireworks Factory (l-Imqabba) ser ikunu qed jipparteċipaw bix-xogħlijiet tagħhom fil-jiem tal-Festa.

# 5 PROĠETTI ...
# TA' QABEL IR-RESTAWR TAL-FAĊĊATA

Wara li ntemm b'suċċess kbir il-proġett tal-pannelli fotovoltajċi li mal-bidu ta' din is-sena 2018 bdew jaħdmu b'mod normali, il-Parroċċa kompliet bit-tħejjijiet tagħha għal proġett ieħor ambizzjuż, dak tar-restawr tal-parti esterna kollha tal-Bażilika. Biss, fl-istess waqt baqa' għaddej – kif ukoll inbeda – xogħol ieħor fuq affarijiet li kienu jeħtieġu attenzjoni urġenti. Dawn huma:

## 1 Is-Soprakwadru tat-Titular

Fil-bidu nett tas-seklu 20, wara li ġie mkabbar il-kor tal-knisja parrokkjali, il-Prokuratur ta' San Ġorġ ta' dak iż-żmien, Mons. Giuseppe Farrugia (Tal-Vers), ħaseb biex jagħni l-kwadru titulari tal-Preti b'dekorazzjoni rikka tal-injam indurat li tissejjaħ 'soprakwadru', bil-għan ukoll li tkun tikkumplimenta lill-kwadri ta' Francesco Zahra u Attilio Palombi fl-istess kor. Din hija magħmula minn tliet biċċiet: il-parti ċentrali ta' fuq, u żewġ mazzettuni fil-ġnub. Fis-snin ħamsin ġiet imneħħija minn postha u twaħħlet fl-Awla Kapitulari fejn matul is-snin ġarrbet ħsarat konsiderevoli. Ħames snin ilu ttieħdet għar-restawr għand is-Sur Lawrence Grima ta' Ħal Qormi (Malta) li wettaq fuqha xogħol ta' tisħiħ, tiġdid u induratura. Għall-festa liturġika ta' San Ġorġ ta' din is-sena din l-opra ferm sabiħa tal-arti se terġa' ssib postha lura mal-kwadru titulari li għalih inħasbet u saret. L-ispiża tar-restawr tagħha hija ta' **€12,000**.



## 2 Kamera u Skrins fil-Bażilika

Għall-benefiċċju tal-mijiet ta' emigranti, speċjalment dawk Ġorġjani, kif ukoll għall-morda u dawk li jduru bihom, li jixtiequ jsegwu minn darhom il-funzjonijiet kollha li jsiru fil-Bażilika ta' San Ġorġ, għadha kemm ġie installata fil-knisja kamera li permezz tagħha qed ikun ipprovdut servizz ta' *live streaming* tal-ogħla kwalità minn fuq is-sit elettroniku u l-paġna ta' *Facebook* tal-Parroċċa tagħna. Barra minn hekk, fil-Kappelel ta' San Ġużepp u San Mikiel ġew installati wkoll żewġ skrins biex dawk li jiġu għall-funzjonijiet il-kbar (bħal tal-Ġimgħa Mqaddsa) u ma jsibux post fil-korsija u fil-kappelluni, ikollhom il-faċilità li jieħdu sehem xorta waħda bl-aħjar mod fiċ-ċelebrazzjoni liturġika. L-ispiża ta' dan il-proġett tlaħħaq is-**€7,000**.

## 3 *Gamesroom* għat-Tfal u l-Adolexxenti



Għall-grazzja ta' Alla San Ġorġ huwa ta' kull ġimgħa ffrekwentat minn numru sabiħ ta' tfal u adolexxenti li jiġu għal-laqgħat tal-katekiżmu u ta' formazzjoni umana u Nisranija. Ilu, għalhekk, jinħass il-bżonn li l-Parroċċa tipprovdi lil dawn uliedha żgħar spazju adattat u fiż-żgur fejn ikunu jistgħu jqattgħu mumenti flimkien qabel u wara l-laqgħat, iktar u iktar meta llum il-ġurnata jeżistu mhux inqas minn sitt gruppi parrokkjali ta' tfal u adolexxenti ta' bejn is-7 snin u l-20 sena. Għal dan il-għan, is-sotterran li sa ftit xhur ilu kien qed jintuża bħala maħżen se jinbidel f'sala sabiħa mgħammra b'diversi aċċessorji li jagħmlu minn dan il-post ambjent san u akkoljenti għat-tfal u l-adolexxenti Ġorġjani. Diġà, fil-fatt, inbeda xi xogħol fih biex jonqos kemm jista' jkun il-livell tal-umdità, tittejjeb iċ-ċirkulazzjoni tal-arja u tiddaħħal il-linja tal-mowbajl. Il-proġett huwa stmat li jiġi jiswa **€22,000**.

## 4 L-Ilbies tal-Preċett

Il-Parroċċa ħasbet biex minn din is-sena jiżżanżan ilbies ġdid għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, b'sett li ġie mfassal fuq il-qadim. Hija ħaġa wisq xierqa li t-tfal tal-Preċett jersqu l-ewwel darba għal dan is-Sagrament hekk kbir bl-iktar mod dinjituż. L-ilbies ġie jiswa **€2,000**.

## 5 L-Istatwa ta' San Ġużepp



Dawn l-aħħar snin l-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol imponenti ta' Wistin Camilleri li jmur lura għas-snin bikrin tas-seklu għoxrin, tfaċċawlha xi ħsarat, l-aktar fil-parti ta' wara tal-figura prinċipali tal-qaddis, kif ukoll xi ċedimenti fl-istruttura n-naħa ta' isfel. Għaldaqstant, saru interventi diskreti ħafna minn bin Wistin, Michael Camilleri Cauchi, li kienu jinkludu tiswija fil-partijiet bil-ħsara, tindif tal-karnaġġjon u l-bqija taż-żebgħa biex jibqgħu oriġinali, u induratura ġdida li kienet kważi spiċċat għalkollox. Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni kien essenzjali biex din l-istatwa mhux biss tintraddilha s-sbuħija oriġinali tagħha, imma tkun ukoll mezz qawwi biex tkompli tikber fina l-imħabba tagħna għall-Qaddis Protettur tal-Knisja universali. L-ispiża hija ta' **€7,000**.

**L-ispiża totali għal dawn il-ħames proġetti se tilħaq is-somma ta' €50,000.**
**Dawk kollha li jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom b'risq il-finanzjament ta' dawn il-proġetti huma mħeġġa jagħmlu donazzjoni ta' €50, €100, €200, €500 jew €1,000.**

**Issettjar, Pubblikazzjoni u Drittijiet tal-Istampa** | Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ
**Grafika** | Andrew Formosa
**Editjar u Fili tal-Kitba** | Francesco Pio Attard, George Francis Vella
**Stampat** | Gozo Press, Għajnsielem
**Ritratti** | Joe Attard

**© Bażilika San Ġorġ**
Il-Belt Victoria
Għawdex
2018

www.stgeorge.org.mt
info@sangorg.org
+356 21 556 377
+356 21 556 981

Bażilika San Ġorġ